# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' Mejju, 2021.**

**Numru 2**

**Rikors numru 8/19/1 LSO**

**Stanislaus Agius**

**v.**

**Francis Agius u martu Yvonne Agius**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressaq l-attur fit-8 ta' Jannar, 2019, u li jaqra hekk:

> a. "Illi l-attur huwa proprjetarju tal-għalqa u ġiebja li jinsabu fi Triq il-Blajjiet Zonfor Marascala liema għalqa hija ta' kejl superfiċjali ta' circa sitt mija u erbgħin metri kwadri (640m") u konfinanti mix-Xlokk ma' Triq il-Blajjiet, mil-Lbiċ ma' beni ta' Francis Agius u mil-Grigal mal-mogħodija

aktar il-quddiem imsemmija u dan kif jirriżulta mil-kuntratt tal-akwist tiegħu tat-13 ta' April 2018 fl-atti tan-Nutar Francesca Shwalbe (nee Spiteri Maempel) kopja annessa u markata **Dok A.**

b. Illi l-konvenuti qegħdin jokkupaw din l-għalqa u ġiebja mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

c. Illi nonostante li kienu ġew interpellati diversi drabi l-konvenuti kienu baqgħu jokkupaw il-propjeta sucitata tal-attur. Kopja legali tal-ittra uffiċjali **Dok B**;

d. Illi ai termini tal-artikolu 167 u 170 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-attur qed jiddikjara li fil-fehma tiegħu l-konvenuti ma għandhomx eċċezjonijiet jagħtu kontra t-talbiet attriċi

e. Illi l-esponenti qed jippreżenta l-affidavit tiegħu hawn anness u markat **Dok C.**

Għaldaqstat l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti:

a. Tiddeċiedi t-talba billi tilqa t-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smiegħ u bl-abbrejazzjoni tat-termini a tenur tal-artikolu 167 et tal-Kodiċi tal-organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

b. Tiddikjara li l-konvenuti qegħdin jokkupaw l-għalqa u ġiebja li jinsabu fi Triq il-Blajjiet Zonfor Marsascala hawn fuq deskritta abbużivament u mingħajr titolu validu fil-liġi;

c. Tordna l-iżgumbrament immedjata tal-konventi mill-għalqa u ġiebja in kwistjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li ġew inġunti in subizzjoni ”

2. Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2019, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, dik il-Qorti ddeċidiet illi l-konvenut ma weriex lanqas fuq bażi '*prima facia*' li għandu titolu jew pretensjoni biex iressaq kontestazzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti, u wara li rat l-Artikolu 167 *el seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talbiet tal-attur kif dedotti u ai fini tat-tielet talba ordnat l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-għalqa u ġiebja mertu tal-kawża fi żmien xahar mil-lum; l-ispejjeż jitħallsu mill-konventuti.

3. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti jogħġobha;*

> "(1) **Tirrevoka** s-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili datata tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax(2019) fejn laqgħet l-ewwel talba attrċi u pproċediet għas-sentenza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża, (2) **Tarrimetti** lill-konvenuti appellant jikkontestaw l-kawża bil-mod stabbilit fil-liġi (3) **Tirrevoka** l-istess sentenza inkwantu kkundannat lill-konvenuti appellant jiżgombraw mill-fond entro xahar (1) xhur mid-data tas-sentenza.
>
> Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat".

4. Rat ir-risposta li ressaq l-attur li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, issottometta illi l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż;

5. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat;**

7. Illi f'din il-kawża l-attur qed jitlob l-iżgumbrament tal-konvenuti mill-għalqa u ġiebja li jippossjedi f'Marsaskala. Il-kawża nbdiet bil-proċedura sommarja ai termini tal-Artiklu 167 u 170 tal-kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta) – hekk imsejħa proċedura "bil-giljottina" – u wara li l-ewwel Qorti qieset li l-konvenuti ma kellhomx eċċezzjonijiet xi jressqu, għaddiet biex tilqa' t-talba attriċi.

8. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u jissottomettu illi l-proċedura użata ma kinitx konformi mal-liġi u li, f'kull każ, għandhom titolu ta' qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni.

9. Fil-kuntest tal-ewwel aggravju, il-konvenut jissottometti illi, skont l-Artikolu 167 tal-imsemmi Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, mar-rikors ġuramentat l-attur kellu jressaq dikjarazzjoni li fiha jiddikjara li safejn jaf hu l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba, u f'dan il-każ l-attur ma għamilx tali dikjarazzjoni. Din il-Qorti tirrileva, pero`, li tali dikjarazzjoni mill-attur saret fir-rikors ġuramentat tiegħu, u ma tarax li bil-fatt li ma saretx fid-dikjarazzjoni annessa, dan jista' jwassal għal nullita`.

10. Inoltre kif osservat din il-Qorti fil-kawża " **Camilleri v. Casha**", deċiża fl-24 ta' Frar, 2012, darba li quddiem l-ewwel Qorti l-konvenut ma qajjimx xi skorrettezzi fil-proċeduri, ma jkunx jista' jressaq l-aggravju fl-appell. Hekk wkoll ġara f'dan il-każ. Il-konvenuti, li kienu assistiti minn avukat ta' fiduċja, ma issollevaw ebda nuqqas fil-proċedura u allura ma jistgħux issa jibbażaw argument fuq xi nuqqas li, fil-verita`, ma hu nuqqas xejn.

11. Fit-tieni lok, il-konvenuti jgħidu li l-attur kien jaf li kellhom eċċezzjonijiet xi jressqu, għax meta rrispondew għall-ittra interpellatorja, infurmawh li kien hemm ftehim ta' qbiela dwar ir-raba' in kwistjoni. Il-

konvenuti, pero`, f'ebda stadju ma ressqu imqar prova *prima facie* dwar dan is-suppost titolu. Fil-fatt, lanqas quddiem din il-Qorti ma pproduċew l-allegat ftehim jew imqar riċevuta ta' qbiela mħallsa, iżda urew biss li ftit qabel ma bdiet din il-kawża, iddepożitaw xi qbiela taħt l-awtorita` tal-Qorti. Il-fatt li l-konvenut, kif jallega, jista' jkun li ilu jaħdem l-għalqa għal dawn l-aħħar 25 sena, ma jagħtih ebda titolu għaż-żamma tal-istess għalqa. L-attur, bir-raġun, ma jirregolax il-pożizzjoni tiegħu fuq allegazzjonijiet jew ideat li jista' jkollu l-konvenut. Huwa ġie assikurat mill-venditur tiegħu tal-għalqa li min kien qed jaħdimha kien qed jagħmel hekk bla dritt, u fin-nuqqas li l-konvenut juri mod ieħor, kellu dritt jaġixxi bil-proċedura użata.

12. Dwar l-aggravju marbut mal-kap tal-ispejjeż, din il-Qorti ma tara xejn ħażin li l-konvenuti jiġu akkoljati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża. Il-konvenuti żgur jafu li ma għandhom ebda titolu fuq ir-raba' in kwistjoni, u tqis dan l-appell bħala wieħed fieragħ u intiż biex jinħela aktar żmien.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi minn dan l-appell ta' Francis Agius u martu Yvonne Agius billi tiċħad l-istess u tikkonferma bi sħiħ is-sentenza tal-ewwel Qorti, b'dan li t-terminu ta' xahar għall-iżgumbrament li ġie impost mill-ewwel Qorti jibda jiddekorri millum. L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti *in solidum*, u peress li tqis dan l-appell bħala wieħed fieragħ u vessatorju tikkundanna lill-appellanti sabiex, ai termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iħallsu ukoll, bħala spejjeż addizzjonali, is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) lir-Reġistratur tal-Qrati.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da